**Minuti tal-426 laqgħa tal-Kunsill li saret**
**nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Diċembru, 2013**

Il-laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku s-Sur Quinton Scerri ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Quinton Scerri, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Marc Vella Bonnici, is-Sur Mark Grech, is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Brian Spiteri.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Ghislaine Bongailas, kienet skużata.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-425 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sinjura Calleja staqsiet dwar meta kien ser isir ix-xogħol ta' manutenzjoni u tindif fil-*culverts* ta' Triq Alessio Erardi. Is-Sinjura Calleja qalet li minħabba l-ammont kbir ta' ilma tax-xita li jinġabar f'din it-triq hemm bżonn li l-*culvert* jitwessa.

Is-Sindku talab sabiex il-Perit tal-Kunsill jiġi nfurmat dwar il-problema tal-ilma tax-xita fi Triq Alessio Erardi bil-għan li tinstab soluzjoni.

Is-Sinjura Calleja qalet li kienet attendiet *briefing* dwar il-proġett '*Read With Me* – Aqra Miegħi' immirat għal volontiera li jixtiequ jagħtu sehemhom biex jinkoraġixxu lit-tfal żgħar ta' bejn 0-3 snin. Is-Sinjura Calleja qalet li dan il-proġett ma kienx daqstant addatat għall-ommijiet li jaħdmu peress illi kien ser isir fost il-ġimgħa matul il-ħinijiet ta' filgħodu. Fuq proposta tas-Sinjura Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jieħu sehem f'dan il-proġett.

Is-Sur Buttigieg staqsa meta kien ser jiġi rranġat d-dawl fl-entratura tal-Kunsill peress illi hemm fanal nieqes kif ukoll 3 bozoz ma jixgħelux. Is-Sur Buttigieg qal illi xtaq li jsir tiżjin fl-entratura taċ-Ċentru Ċiviku.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill irċiviex risposta minn Transport Malta dwar it-talba biex isiru *traffic lights* fi Triq San Ġużepp ma Triq Villabate. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab li tintbgħat ittra oħra dwar din it-talba.

Is-Sur Buttigieg staqsa dwar meta kienet ser tiġi rranġata l-bankina fi Triq Castaldi u talab li din issir fl-iqsar żmien.

Is-Sur Buttigieg staqsa meta kienet ser tiġi rranġata l-art quddiem residenza 'Markjul' fi Triq ix-Xgħajra peress li qiegħed iżomm l-ilma quddiem residenza fejn toqgħod persuna bi bżonnijiet speċjali.

Is-Sindku qal illi hemm lista twila ta' bankini u xogħolijiet li jridu jsiru u għalhekk ma jistax ikun isir kollox f'daqqa.

Fuq proposta tas-Sur Spiteri li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jsir programm bix-xogħol skedat li jrid isir.

Fuq proposta tas-Sur Vella Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa bejn is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sur Spiteri sabiex jiġi koordinat programm ta' xogħolijiet skont kif deċiż mill-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza li għaddiet bejn id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u s-Sur Marco Sacco mill-UHM dwar is-siegħat ta' xogħol li għandu jaħdem is-Segretarju Eżekuttiv.

Item 4 – Skeda tal-Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 3 ta' Diċembru, 2013 sas-27 ta' Diċembru, 2013 li kien jammonta għal €21,666.01. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Vici Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash* għax-xahar ta' Diċembru li kien jammonta għal €77.79.

Item 5 - Nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr

Is-Sindku talab li jitressqu n-nominazzjonijiet għall-Onorifiċenzi ta' Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr li ser jingħataw mill-Kunsill f'Jum Ħaż-Żabbar – 1 ta' Frar, 2013.

Ġieħ Ħaż-Żabbar

Is-Sur Buttigieg irrefera għall-mozzjoni tal-Kunsill bid-data tat-22 ta' Ottubru 2001 dwar linji gwida għal għoti ta' Ġieħ Ħaż-Żabbar kif ukoll Ċertifikat ta' Ħajr u qal illi ma jaqbilx li ma tistax tiġi nominata persuna wara mewta. Is-Sur John Pace qabel mas-Sur Buttigieg u talab sabiex din il-materja tiġi diskussa f'laqgħa oħra wara li ser tkun qiegħda titressaq mozzjoni f'dan ir-rigward.

Is-Sindku talab li jitressqu n-nominazzjonijiet għall-għoti ta' Ġieħ Ħaż-Żabbar biex wara ssir votazzjoni għal kull nominazzjoni li ssir.

Is-Sinjura Calleja pproponiet li Ġieħ Ħaż-Żabbar għandu jingħata lis-Sur Martin Bugelli, Kap tar-Rappreżentanza Maltija fl-Ewropa. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sinjura Calleja.

Is-Sindku ppropona li Ġieħ Ħaż-Żabbar jingħata lil Dun Sebastian Caruana li ilu 12 il sena jservi bħala kappillan f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur John J Pace ssekonda l-proposta tas-Sindku.

Is-Sindku ppropona għal Ġieħ Ħaż-Żabbar lis-Sur Jimmy Zerafa għax-xogħol ta' restawr li għamel mal-Mina ta' Ħompesch u mal-faċċata tal-knisja. Is-Sur John J Pace ssekonda l-proposta tas-Sindku.

Is-Sur Vella Bonnici ppropona li s-Sur Joe Baldacchino jingħata Ġieħ Ħaż-Żabbar għall-kontribuzzjoni tiegħu fil-qasam sportiv. Is-Sur Joseph Vella ssekonda l-proposta tas-Sur Vella Bonnici.

Is-Sur John J Pace ppropona lis-Sur Charles Miceli għall-ħidma tiegħu fil-qasam kulturali. Is-Sindku ssekonda lis-Sur John J Pace.

Is-Sindku qal illi matul is-sena 2014 il-Kunsilli Lokali kienu ser jiċċelebraw l-20 sena anniversarju mit-twaqqif tiegħu u għalhekk kien qed jipproponi li jingħata rikonoxximent għall-okkażjoni. Is-Sur John J Pace ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament sabiex il-Vici-Sindku s-Sur Domenic Agius jingħata rikonoxximent bħala l-aktar Sindku tal-lokalita` li għamel snin fil-kariga.

Fuq proposta tas-Sinjura Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Buttigieg jingħata rikonoxximent għall-ħidma tiegħu bħala Kunsillier sa mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

Fuq proposta tas-Sur Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Vella Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ssir votazzjoni b'mod sigriet għall-għoti ta' Ġieħ Ħaż-Żabbar.

Fit-7.55 ta' filghaxija, qabel ma saret il-votazzjoni, s-Sur Joseph Agius talab li jkun skużat.

Wara votazzjoni li ttieħdet, il-Kunsill qabel unanimament li Ġieħ Ħaż-Żabbar jingħata lis-Sur Joe Baldacchino u lis-Sur Martin Bugelli li ġabu l-aktar ammont ta' voti.

Fit-8.05 is-Sur Joseph Agius daħal lura għal-laqgħa.

Fit-8.15 is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Brian Spiteri talbu li jkunu skużati.

<u>Ċertifikat ta' Ħajr</u>

Fit-8.20 is-Sur Marc Vella Bonnici talab li jkun skużat.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Marc Anthony Magro u lis-Sur Manuel Abdilla għall-għajnuna lil żgħażagħ oħra fil-bżonn fil-komunita`.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Francis Scicluna għall-ħidma tiegħu fil-missjoni.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Guzeppi Theuma u lis-Sur Michael Buhagiar għall-ħidma tagħhom fil-komunita`.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sinjura Mary Grace Ellul għall-ħidma filantropika tagħha fil-komunita`.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Charles Miceli għall-ħidma tiegħu fil-qasam kulturali.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sinjura Doreen Camilleri għas-suċċessi tagħha fil-qasam mużikali.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Lawrence Gatt għall-ħidma tiegħu fil-qasam tal-avjazzjoni.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Nazzareno Farrugia u lis-Sur David Farrugia għas-suċċess internazzjonali miksub f'kompetizzjoni ewropeja.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Reuben Pullicino għall-ħidma tiegħu fil-qasam kulturali.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joe Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sinjorina Bernice Buhagiar għall-impenn tagħha fil-qasam artistiku.

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jintuża s-siġill uffiċjali tal-Kunsill għal fuq iċ-ċertifikati li ser jingħataw f'Jum Ħaż-Żabbar.

Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata ma Sindku l-Kunsill qabel unanimament li l-items 7 u 9 jiġu diskussi qabel Item 6 – Korrispondenza

<u>Item 7 - Rapport Kumitat Ad Hoc – *Written-off items*</u>

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li dawk l-oġġetti li l-Kunsill għandu fil-garaxx u li huma mkissra u li m'għandhomx użu ta' xejn jiġu *written off* mill-*Fixed Assets Register* u jintremew.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li l-*airconditions* l-antiki li m'għadhomx tajbin u m'għandhomx użu jiġu *written off* mill-*Fixed Assets Register*.

<u>Item 9 - Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-lista ta' kotba Żabbar – *A Living History* li ngħataw bħala *complimentary* bejn l-20 ta' Diċembru, 2012 u s-27 ta' Dicembru, 2013. Din il-lista ġiet approvata unanimament mill-Kunsill fuq proposta tal-Viċi-Sindku li giet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

Il-Viċi-Sindku qal illi kien avviċinat mir-residenti Żabbarin fejn qalulu li s-Sindku kien qed jgħid li ma jistax isir ċertu xogħol ta' manutenzjoni ta' toroq u bankini li huma qiegħdin jitolbu għax il-Kunsill preċedenti kien ħalla d-dejn. Il-Viċi-Sindku qal li dan assolutament mhux minnu. Il-Viċi-Sindku qal li sal-aħħar tal-2013 il-Kunsill ħalla viċin l-€445, 000 fil-kontijiet bankarji. Is-Sindku qal li qatt ma kien qal dan il-kliem.

<u>Item 6 – Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern fejn il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sinjura Isabelle Testaferrata de Noto kienet ser tibqa' tagħmel xi xogħol mal-Kunsill Lokali Birgu u tirritorna għall-impjieg tagħha ta' Assistent Prinċipal mal-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar mill-1 ta' Jannar 2014.

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lis-Sindku u Kunsillieri biljetti għall-kunċert Celebration li ser isir nhar il-Ħadd 29 ta' Diċembru 2013 fis-7.30 ta' filgħaxija fl-okkażjoni tal-20 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-MEPA dwar laqgħa rigward l-Impjant ta' Barkat li ser isir nhar it-Tnejn, 13 ta' Jannar 2014.

Fid-8.55 ta' filgħaxija il-Viċi-Sindku talab li jkun skużat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali dwar artiklu li deher fil-gazzetta rigward akkumular ta' skart madwar il-*bring-in-sites* fil-lokalita`.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Isabelle Gatt mill-MCCA fejn il-Kunsill ġie mitlub jikkonferma jekk kienx ser jorganizza l-attivita` tal-Karnival peress illi l-Kumitat tal-Karnival kien ser jippubblika pubblikazzjoni konnessa mal-attivitajiet tal-Karnival. Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li din is-sena l-Kunsill jorganizza attivita` fil-Karnival.

Inqrat stedina mibgħuta lill-Kunsill Lokali mill-Awtorita` Maltija għall-Komunikazzjoni sabiex il-Kunsill jgħin biex jingħata taħriġ liċ-ċittadini billi jipprovdi il-post għat-taħriġ. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi l-ispazju meħtieġ għal dan it-taħriġ.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Dun Guzepp Vella fejn talab lill-Kunsill jixtri kopja tal-ktieb 'L-Onice taż-Żebbuġ'. Fuq proposta tas-Sur Joe Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri kopja ta' dan il-ktieb għal-librerija.

Inqrat Memo 31/2013 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar identifikazzjoni ta' binjiet fil-lokalitajiet biex isir l-eżerċizzju tat-tiġdid tal-karti tal-identita`. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li joffri l-użu tas-Sala tal-Kunsill għat-tiġdid tal-karta tal-identita`.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill ta' Eschborn fejn il-Kunsill ġie mitlub iħallas €1,750 għall-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ li sar fil-Ġermanja fis-Sajf li għadda. Dan peress illi skont is-Sur Eickholm Pageler qed jallega li qabel il-Kunsill iddeċieda li ma jipparteċipax fil-kamp kien laħaq sar xi *bookings* mill-Ġermanja. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ma jħallasx l-ammont mitlub u dan peress illi l-Kunsill avża minn xhur qabel li mhux ser jipparteċipa fil-kamp.

Il-minuti tal-47 u 48 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

Item 10 - Komunikazzjoni mill-Kunsillieri

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Bonnici jakkumpanja lill-għannejja li ser imorru fuq inizjattiva tad-Dipartiment tal-Kultura b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 ta'filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-427 laqgħa li saret nhar il-Erbgħa, 29 ta' Jannar 2014.

Quinton Scerri
Sindku